MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Numru 111/1994

**IL-PULIZIJA**
**(Assistent Kummissarju Neil Harrison)**

**Vs**

**Paul Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u dan talli f'dawn il-gzejjer fl-4 ta' Settembru 1994, u fil-granet ta' qabel dina d-data:-

a) kellu fil-pussess tieghu id-droga Kokajina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-tabib Proncipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza, jew meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma' kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta, li jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolamenti 8 tar-regoli 1938 dwar il-kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati, u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

b) Kellu ukoll fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta 'cannabis' u dan bi ksur tal-artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

c) Kellu ukoll fil-pussess tieghu il-pjanta 'cannabis' kollha jew parti minnha, bi ksur tal-artikolu 8 (d), tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Talli ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mil-perimetru ta' skola bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma' kienux ghall-uzu personali tieghu,

d) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzii, ittanta li jhajjar lil PS 160 M. Mifsud u PC 1052 P. Scerri, ufficjali jew impjegati pubblici, sabiex jonqsu li jaghmlu dak li hu fid-dmir taghhom li jaghmluh.

e) Talli ukoll fl-istess post, zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu mus u ponn tal-hadid, minghjar licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija,

Il-Qorti giet mitluba illi barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghadhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Giet ezebita l-fedina penali tal-akkuzat, gie mitlub li l-kaz jigi nvestigat skond il-ligi.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (fol 6 tal-atti) u li biha dan ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali

sabiex jwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kontro ordni mahrug mill-istess Avukat Generali (fol 143 ibid) u li biha ordna li l-imputat jigi processat minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-Kapitolu 101 citat.

Rat ukoll, in-nota tal-Avukat Generali (fol 143 u fol 144 ibid) u li biha billi deherlu li tista', b'zieda mal-kontro-ordni li ghadha kemm issemmiet tista' tinsab htija (jew htijiet) ta' kompetenza ta' din il-Qorti bhlal wahda ta' Gudikatrua Kriminali taht dak li hemm mahsub:

a) fl-artikoli 13, 19 tal-Kodici Kriminali.
b) fl-artikoli 41(1)(a), 115 tal-istess Kodici iddecieda li jibghat lura dawn l-atti sabiex din il-Qorti tiddeciedi fuq l-akkuza premessa.

Semghet ix-xhud prodott mill-akkuzat (fol 154 et seq ibid)

Semghet it-trattazjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi mix-xhieda tal-<u>Ufficjal Prosekutur</u> (fol 20 u fol 50 et seq ibid) il-Pulizija kellha nformazzjoni li hi rcievet fl-4 ta' Settembru 1994 ghall-habta tas-6.15pm, illi vicin il-Knisja Parrokjali tal-Marsa kien hemm karozza tal-marka Renault 5 u bin-numru J6499 b'ragel go fiha li kien qed jittrafika droga. Meta PS 160 Mario Mifsud u PC 1052 Paul Scerri waslu fuq il-post, huma ma sabuhiex izda huma qaghdu jistennew u ftit wara raw l-istess vettura ghaddejja u ghalhekk waqfuha, bl-akkuzat go fija u sabu li kien hemm <u>hames "sachets" kontenenti trab abjad</u>. Ghalhekk l-akkuzatt ittiehed fil-Kwartieri Genereali tal-Pulizjija. Inoltre saret tfittxija fir-<u>residenza</u> tieghu mill-istess PC 1052 Paul Scerri u minn iehor stazzjonat fis-sezzjoni tal-klieb tal-Pulizija, liema residenza hi fi "Violetta", Triq l-Iskola fil-Marsa u mill-istess tfittxija irrizulta li kien hemm <u>bicctejn ta' raza</u> ta' "cannabis" b'piz ta' madwar 230 gramma kif ukoll 297 zerriegha ta' din il-pjanta, hames pilloli celesti u sofor,

flixkun ta’ “Ether”, zewg fliexken tal-plastik li setghu intuzaw in regward “crack”, divesi fllixken ta’ “ammonia”. Inoltre x-xhud kien gie nformat mill-istess PS 160 Mario Mifsud u PC 1052 Paul Scerri illi l-akkuzat, meta kien ghadu fil-karozza fil-Marsa kien qal lill-ewwel wiehed “qiskhom ma sibtu xejn” u fit-tragitt lejn il-Kwartieri, lit-tieni wiehed “….sabiex inehhi xi pakketti sabiex l-imputat jittella biss fuq pussess”. Inoltre l-akkuzat, meta kien qed jsuq vicin “Portes Des Bombes” fil-karozza tieghu u akkumpanjat mill-istess PC 1052 Paul Scerri, l-akkuzat kien waddab il-barra, t-telefon cellulari tieghu li pero, kien gie rekuperat u jinsab ezebit f’dawn l-atti bhala Dok NH1. Jinghad li dan it-telefon hu registrat fuq terza persuna, ghandu n-numru 0996382 u kien inxtara mill-akkuzat madwar xaharejn qabel. Sussegwentement l-akkuzat kien gie nterrogat u rrilaxxa l-istqarrija bil-miktub ezebita in atti a fol 24 u fol 25 markata Dok NH3 u fiha hu spjega kif kien akkwista kokajina minghand wiehed ta’ nisel Gharbi bil-prezz ta’ Lm100, li fuqu u fil-karozza, l-Pulizija kienent sabet “….hames jew sitt pakketti….” Kontenenti trab abjad li “…ma nafx x’jghidulu”. L-istess kokajina kien xtraha “….f’qatgha wahda” u sussegwentement kien “qsamthom” bl-ghajnuna tal-istess Gharbi fir-residenza tal-akkuzat. L-akkuzat dwar dan, stqarr li “kont ser inzommhom ghalija”. Difatti l-Gharbi li baqa’ njot kien “…ipprova wiehed billi haraqha fuq ‘foil’”. Dwar l-oggetti l-ohra misjubin fir-residenza tieghu fosthom “raza ta’ cannabis”, l-akkuzat sostna li din ir-raza kien xtraha minghand l-istess Gharbi bil-prezz ta’ Lm 90 waqt li “Iz-zerriegha ma nafx minn fejn giet” u l-pilloli kienu ta’ martu. Waqt li in rigward ir-raza ta’ “cannabis” hu stqarr li kien ghadu indeciz dwar jekk jbieghha jew le, hu irrefera ghal “amminia”, “ether”, “bicarbonate of soda” u “baking powder” misjubin fil-pussess tieghu, hu qal li dawn s-sustanzi, konnessi ma’ tehid ta’ droga, kienu ghandu ghal diversi ragunijiet fosthom tindif ta’ “toilet”, tisjir ta’ “cakes” u fit-tahlit ta’ zebgha waqt li l-bikarbonat kien ta’ martu. Dwar it-telefon cellulari gja msemmi, hu kien akkwistah ghax kien beda’ jbiegh haxix. Fl-ahhar nett, b’referenza ghal ponn tal-hadid li nstab mill-Pulizija fil-karozza tal-marka Renault 5 numru J6499, hu stqarr li dan l-istrument ma kienx tieghu

waqt li l-vettura imsemmija kienent giet mislufa lilu minn terza persuna.

Ikkunsidrat

Illi in sostenn ta' dak premess, il-Prosekuzzjoni ipproduciet is-segwenti xhieda u dokumenti:-

a) PC 1052 Paul Scerri (fol 31 et seq ibid u fol 109) li hu flimkien ma' PS 160 Mario Mifsud qabel il-5pm tal-4 ta' Settembru 1994 kien irceva messagg mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija illi, fil-pjazza tal-Marsa kien hemm karozza ta' kulur "beige" tal-marka "Renault" 5 numru J6499 li, aktarx, minn go fiha kien qed jsir negozju ta' droga. Meta waslu fuq il-post indikat, ma kienx ra din il-karozza u ghalhekk, waqfu hemm sabiex jzommu l-post taht osservazzjoni u filfatt, ftit wara, hu kien ra' l-istess karozza meta din "….ghaddiet ezattament minn maghna". Ghalhekk meta din waqfet, hu mar vicin taghha u sab li fiha kien hemm l-akkuzat. Minn tfittxija "fuq fuq" li saret fl-istess vettura nstabu "sachets zghar" f'numru ta' madwar hamsa jew sitta go pakkett ta' sigaretti ta' certa marka. Minhabba hekk ix-xhud kien saq l-istess vettura lejn il-kwartieri Generali tal-Pulizija, bl-akkuzat hdejh. Hawnhekk, l-akkuzat kien talab lix-xhud sabiex "….innehhi xi ftit pakketti minnhom sabiex jkun jista' jigi akkuzat biss ta' pussess". Inoltre l-akkuzat kien nehha l-"aerial" tac-cellulari u waddab il-barra, dan l-apparat, li pero' kien ingabar mill-Pulizija l-iehor li kien qed jsuq. Sussegwentement, minn tfittxija aktar akkurata li saret fl-istess vettura, kienu nstabu zewg sachets ohra kif ukoll mus u ponn tal-hadid. Wara dan, ix-xhud kien ghamel tfittxija fir-residenza tal-akkuzat prezenti l-akkuzat, PC 1189, PC 730 u tlett pulizija stazzjonati fis-sezzjoni tal-klieb. Hawnhekk instabu u gew elevati zewg blokki deskritti bhala "bicca" u "zghira" ta', aktarx raza ta' "cannabis" kif ukoll bicca "foil", romblu tal-hekk imsejjah "starch and seal" u zewg fliexken bl-isem "ammonia" fuqhom oltre landa bil-kelma "ether" miktuba fuqha. Inoltre fil-bitha instabu bicciet ta' karti go boros taz-zibel u zewg fliexken li setghu jintuzaw bhala pipa (ara ukoll dak li xehed PS 160 Mario Mifsud a fol 52 u fol 108 et seq ibid).

b) PC 730 Raymond Vella (fol 35 et seq u fol 110 et seq ibid) li kkonferma dak li xehed ix-xhud precedenti dwar it-tfittxija fir-residenza tal-akkuzat li tinstab f' "Violetta", Triq l-Iskola fil-Marsa u li giet miftuha mill-istess akkuzat li kien prezenti, permezz ta' cavetta fil-pussess tieghu.

c) L-istess jista' jinghad dwar dak li xehed PC 444 Emanuel Vassallo (fol 37 u fol 112 et seq ibid), PC 1552 Emanuel Borg (fol 39 u fol 112A et seq ibid), PC 949 Roger Debattista (fol 41 u fol 111 et seq) u ta' PC 1189 Chrispher Pullicino (fol 56 et seq ibid).

d) WPC 39 Carmen Muscat (fol 58 et seq ibid) xehedet illi l-akkuzat ma kellu ebda licenzja sabiex izomm arma li taqta' jew bil-ponta waqt li specifikat illi ebda' licenzja ma tinhareg in rigward ponn tal-hadid.

e) Dottor Anthony Abela Medici (fol 66 u fol 82 et seq ibid), l-espert forensiku nominat fl-inkjetsa u konfermat f'dawn il-proceduri, wera ghall-iskop ta' kontinwita tal-evidenza li spjega kif id-dokumenti gew konsejnati lilu sabiex jezegwixxi dan l-inkarigu, l-ewwel spjega verbalment, illi, dwar dak elevat mill-vettura tal-akkuzat, illi hawnhekk kien hemm evidenza ta' kokaina b'persentagg ta' 88.6/89 fil-mija (%) u b'piz nett ta 0.5 grammi. In rigward dak elevat mir-residenza tal-istess akkuzat, instabet evidenza, kemm ta' rezina ta' "cannabis" b'piz totali ta' 280 grammi, kemm zerriegha tal-istess sustanza b'madwar 280-il zerriegha. Dwar il-fliexken elevati u markati Dok NH; b'kollox tnejn (2), donnu, li kellhom toqba fil-genb, kienu l-hekk imsejjha "pipes" li jintuzaw fit-tipjip ta' cocaine" u difatti, fl-ghonq tagghom instabet evidenza ta' din is-sustanza. Dwar id-dokument, anness ukoll u markat Dok NHS, illi l-hames "sachets" kontinenti kokajina kienu mkebbin f' "strach and seal" (ara ukoll ix-xhieda ta' WPS 100 Victoria Fenech dwar il-kontinwita fl-evidneza). Sussegwnetement, kif jidher mid-dokument markat Dok AAM1 (fol 84 et seq ibid), l-istess espert issottometta r-relazzjoni tieghu u kif jidher mill-istess dokument, hu ssottometta illi f'dan il-kaz, kienet instabet evidenza ta' eroina u kokajina kif ukoll bikarbonat u "amonia" li jintuzaw

fl-ipprocessar ta’ kokajina (ara pagna 21 tal-istess Dok AAM1).

f) L-Arkitett u Inginier Civili Richard Aquilina (fol 85 et seq ibid) espert iehor li ndika d-distanza bejn ir-residenza tal-akkuzat, il-post fejn dan kien instab mill-Pulizija u lokalitajiet fil-vicinanzi fejn jkun hemm il-presenza ta’ zghazagh (ara s-“”site plan” a fol 91).

Ikkunsidrat
Illi dwar l-akkuza ta’ tentattiv ta’ korruzzjoni ta’ Pulizija, oltre dak premess gie riprodott PS 160 Mario Mifsud (fol 123 et seq ibid) li tenna’ li l-kliem li ntqal lilu mill-akuzat kienu “narmighom, ma nergax naghmilha darba ohra”. Dwar dan il-punt, gie rilevat mill-istess Qorti illi, mill-istess xhieda li nghatat minnu dan ix-xhud (fol 53 sa 56 u fol 123 ibid), qatt, ma gew offeri lill-istess xhud “xi flus jew xi haga ohra” (ara ukoll ix-xhieda ta’ PC 1052 Paul Scerri a fol 32 ibid).

Ikkunsidrat
Illi l-akkuzat bhala provi pproduca lil:-

a) Carmelo Borg (fol 154 sa fol 156 ibid) in rapprezentanza tal-Komunita terapewtika “Caritas” li spjega l-andament tajjeb hafna tal-akkuzat vis-à-vis il-kors li dan ghamel in konnessjoni mal-vizzju ta’ abbuz minn droga.

b) Joseph Gatt (fol 150 et seq ibid) in rapprezentanza tal-istess komunita u li kkonferma dak li xehed ix-xhud precedenti.

Ikkunsidrat
Illi mill-provi prodotti, ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li l-akkuzat kellu fil-pussess tieghu, kemm kokajina, kemm raza tal-pjanta “cannabis”, kemm pjanta “cannabis” liema reati gew kommessi entro d-distanza ta’ mitt (100) metru minn perimetru ta’ skola. Dwar jekk id-droga kienetx o meno ghall-uzu personali tieghu jew le, mill-provi jidher illi l-akkuzat hu wiehed li fiz-zmien in ezami kien certament jikkonsma u jabbuza minn droga. Pero jirrizulta ukoll illi,

b'referenza ghall-kokaijna, din kienet imqassma f'sitt (6) pakketti liema fatt jindika, b'mod car illi din kienent intiza ukoll, mhux semplicement ghall-uzu personali tieghu. Inoltre, in rigward l-istqarrija esebita in atti a fol 24, l-akkuzat kien stqarr li t-trab abjad kien "f'qatgha wahda" li minnha nhargu sitt pakketti ta' kokaina mill-istess akkuzat bl-ghajnuna ta' terza persuna. Tali qasma f'pakketti fil-fehma ta' din il-Qorti hi indizzju gravi illi l-istess droga kienet intiza, ukoll, sabiex ma tintuzax minnu biss, ghall-uzu personali tal-akkuzat. Ta' min jinnota illi l-akkuzat stqarr ukoll illi "kont ghadni ma d-decidejtx" dwar x'uzu kien ser jaghmel mir-raza ta' "cannabis".

Ikkunsidrat

Illi dwar l-akkuza ta' tentattiv ta' korruzzjoni tal-Pulizija, kif hawn fuq premess u dan a bazi tal-artikoli 41(1)(a) u 115 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti trid tkun sodisfatta illi l-akkuzat kellu l-hsieb u l-intenzjoni li jikkometti dan id-delitt u wera l-istess hsieb permezz ta' xi att esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tal-istess delitt kif deskritt fl-artikolu 115 tal-istess Kodici.

Illi ghandu jigi rilevat illi l-artikolu 115 citat jirreferi ghal "korruzzjoni" kommessa minn ufficjal jew impjegat pubbliku u in konnessjoni mal-impjieg jew kariga tieghu. Pero l-artikolu 120 ibid jispjega illi fil-kaz, ma ohrajn, tal-artikolu 115 citat, il-persuna li tikkorrompi ufficjal jew impjegat pubbliku, ghandha titqies bhala komplici u f'kaz li d-delitt ma' kienx kommess mill-istess ufficjal jew impjegat, il-persuna li tittantah li thajjru jaghmel dan id-delitt jehel il-piena specifikata. Illi f'dan il-kaz jkun opportun li jergghu jigu citati il-kliem li qal l-akkuzat.

a) PC 1052 Paul Scerri (fol 33 ibid) semma li l-akkuzat talbu "….sabiex inehhi xi ftit pakketti….sabiex jkun jista' jigi akkuzat biss ta' pussess" waqt li qabel l-istess xhud kien qal "Dak il-hin l-imputat qalilna sabiex inhalluh qiesu ma sibna xejn".
b) PS 160 Mario Mifsud (fol 123 ibid) iccita l-kliem ezattament kif intqalu lilu mill-akkuzat cjoe "narmughom, ma nergax naghmilha darba ohra".

Illi, dan premess, il-Qorti, a bazi tal-istess kliem trid tkun sodisfatta illi l-akkuzat kellu l-intenzjoni li jikkorrompi lill-Pulizija involuta billi jaghmel offerta ta’ xi regal jew weghda ta’ rigal, fi flus jew f’utili iehor jew f’vantagg iehor li ghalih l-istess ufficjal jew impjegat ma jkollux jedd u wera tali intenzjoni permezz tal-hekk imsejjha “oral acts”.
Illi l-istess kliem gew meqjusa bir-reqqa mill-Qorti u, filfatt, ma hiex sodisfatta li l-akkuzat kellu tali intenzjoni u li , b’xi mod car, wera’ l-intenzjoni li ried jikkorrompi lill-istess Pulizija bil-mezzi msemmija. Konsegwentement l-akkuzat ma jistax jinstab hati ta’ din l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuza taht l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali ssib lill-akkuzat hati talli fl-4 ta’ Settembru 1994, u fil-granet ta’ qabel dina d-data:-

a) kellu fil-pussess tieghu id-droga Kokajina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma’ kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Proncipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza, jew meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma’ kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta, li jkollu d-droga fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolamenti 8 tar-regoli 1938 dwar il-kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammenddati, u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluz, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta,
b) Kellu ukoll fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta ‘cannabis’,
c) Kellu ukoll fil-pussess tieghu il-pjanta ‘cannabis’ kollha jew parti minnha, u
d) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta’ 100 metru mil- perimetru ta’ skola, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma’ kienux ghall-uzu personali tieghu u dan skond l-artikoli 8(a)(d), 22 (2) tal-Kapitolu 101 tal-

Ligijiet ta’ Malta u r-regolament 8 tal-Avviz Legali 292/89 kif sussegwentement emendat.

In rigward il-piena, wara li kkunsidrat illi, kif jidher mill-fedina penali ezebita a fol 5, l-akkuzat ma kienx ikkommetta xi reat gravi sa dan il-kaz, li l-istess akkuzat, kif qalu x-xhieda in difeza, kien ghamel progress tajjeb fil-kura kontra abbuz minn droga u li fid-data in kwistjoni kien ghadu possibbli, legalment li persuna li nstabet hatja, kif premess jigi applikat fil-konfront taghha kemm l-artikolu 28A u l-artikolu 152 (illum Kapitolu 446) tal-Ligijiet ta’ Malta. Wara li qieset dak premess, specjalmet dak rizultanti mix-xhieda in difeza, il-Qorti tordna li l-akkuzat jigi liberat bil-kondizzjoni li ma jikkommetiex reat iehor fi zmien sena millum. Inoltre, Tordna l-konfiska u distruzzjoni tad-droga kollha u l-konfiska tal-oggetti elevati u ezebiti f’dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------